MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2013

Numru. 580/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jessica Grima)**

**vs.**

**Joseph Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Galea,** ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, bin missier mhux maghruf u Salvina Galea, imwieled il-Pieta', nhar il-15 ta' Gunju 1990, residenti gewwa l-fond Blokk 1, Flat 5, Triq Danny Cremona, Kirkop, u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-Numru 293290M, akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-3 t'April tat-2012, gewwa San Pawl il-Bahar:

1. ikkommetta serq, liema serq huwa iktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94) izda ma jeccedix l-elfejn u tliet mija u disgha u

ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37) ghad-detriment ta' Mark Galea u terzi persuni, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tikkunsidra lill-imputat bhala recediv ai termini ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, fis-seduta tallum, lil Mark Galea u lil Amanda Galea jikkonfermaw bil-gurament li huma kienu qed jirrinunzjaw ghal dak li huwa rinunzjabbli u li ma kellhomx interess f'dawn il-proceduri.

Semghet li r-*res furtiva* giet ritornata lura.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat, l-ammissjoni tal-imputat, il-fatt li r-*res furtiva* giet ritornata lura u l-fatt li jidher li l-imputat ghandu bzonn min jidderigieh fit-triq it-tajba u dan sabiex ipoggi l-hajja tieghu fid-direzzjoni t-tajba.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 49, 50, 261(c), 261(g), 267, 271(g) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta’ l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, a tenur ta’ l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tqieghed lill-imputat Joseph Galea taht ordni ta’ *probation* ghal perijodu ta’ tlitt (3) snin mil-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma’ din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti fissret lill-imputat Joseph Galea bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta’ l-ordni ta’ *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma’ din is-sentenza u li f’kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma’ dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f’kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta’ l-ordni ta’ *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b’din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u ta’ l-ordni ta’ *probation* moghti b’Digriet ta’ llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta’ l-imputat Joseph Galea.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------